**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 25 ta' Settembru, 2015**

**Il-Pulizija**

**Spettur Robert Said Sarreo**

**vs**

**Sylvester Calleja**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Sylvester Calleja detentur bil-karta ta' l-identita' bin-numru 255791M

1) Akkuzat talli fis-16 t' Awwissu 2013 ghall-habta ta' bejn il-5:30pm u is-6:30pm, gewwa Triq id-Dugh Marsaskala, hebb ghal persuna ta' Brenda Galea, detentrici tal-karta

ta' l-identita' bin-numru 115994M u kkagunalha griehi ta' natura gravi skond ma ccertifika Dr. Mark Aquilina MD

2) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u glied.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront ta' Carmelo Tabone kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f' kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuna hawn fuq indikati.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 17 ta' Marzu 2014 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident li sehh fis-16 t' Awwissu, 2013 bejn il-5:30pm u s-6:30pm fi Triq id-Dugh, Marsaskala fejn l-imputat li kien l-ex sieheb tal-kwerelanti Brenda Galea allegatament hebb ghaliha meta hija ltaqghet mieghu sabiex taghtih xi flus u kkagunalha griehi ta' natura gravi skond kif iccertifika Dr Mark Aquilina (vide certifikat mediku a fol 17 tal-atti processwali minn fejn jirrizulta li Galea kellha grif fuq in-naha leminija tar-ras lejn il-widna, girfa fuq id-dahar, ksur fl-id ix-xellugija u girfa u nefha fuq l-id tal-lemin[1].

Illi Brenda Galea ntavolat rapport fl-Ghassa ta' Haz-Zabbar fejn spjegat li hija kienet ghamlet madwar sena u nofs tohrog mal-imputat fejn huwa kien silifha madwar €1,000 u meta ntemmet ir-relazzjoni ftehmu li hija kellha trodlu l-flus lura izda minhabba problemi finanzjarji ma setghetx taghtihomlu f' daqqa u fis-16 ta' Awwissu, 2013 kienu ftehmu li jiltaqghu quddiem id-dar tieghu sabiex taghtih lura parti mill-flus izda malli tatu €100 huwa qalilha li l-ftehim kien li taghtih kollox f' daqqa u mbaghad aggrediha billi beda jaghtiha bis-sieq u bil-ponn u f' hin minnhom hareg mannara li ma uzax u li tefa' mal-genb. Brenda Galea qalet li meta pruvat tahrab l-imputat gera warajha u wara cempillha u qalilha sabiex jilhqu kompromess u talab lis-sieheb attwali taghha Emanuel Montesin €600. Galea qalet li waqt l-incident kien hemm prezenti oht u missier l-imputat.

[1] Vide xhieda ta' Dr Mark Aquilina fol 30 et seq tal-atti processwali

Illi meta l-Pulizija tkellmet mal-imputat fejn huwa rrilaxxja Stqarrija fil-5 ta' Jannar, 2014 fejn huwa nnega li kien aggredixxa lil Brenda Galea jew li fid-data u hin indikati minnha huwa kien iltaqa' maghha anzi spjega li dak il-hin huwa kien sejjer jiltaqa' mat-tfajla tieghu Kimberly Degiorgio fil-post tax-xoghol taghha. Huwa nnega ukoll li jumejn qabel u cioe' fl-14 t' Awwissu, 2013, meta marru l-Pulizija f' daru kien sar ftehim li Brenda kellha thallsu €280. L-imputat gibed l-attenzjoni tal-Ispettur Investigattiv u Prosekutur ghal messagg li huwa rcieva fuq il-mobile phone tieghu minghand Brenda Galea u li hija baghtet minn fuq il-mobile phone ta' Emanuel Montesin fejn hija qaltlu "*Aw jien Brenda cempilli wahda pls ax irit inwaqqa kollox u tort nitfaw fuq leli*".

Ikkunsidrat:

Illi Brenda Galea kkonfermat l-istess verzjoni tal-fatti li tat lill-Pulizija meta xehdet in ezami waqt l-udjenza tas-7 ta' Novembru 2014 u in kontro-ezami waqt l-udjenza tas-27 ta' Frar, 2015 u fejn hija qalet ukoll li tul ir-relazzjoni taghhom l-imputat kien ta' sikwit isawwatha.

Illi meta xehed l-imputat waqt l-udjenza tal-15 ta' April, 2015 fejn bejn wiehed u iehor qal l-istess affarijiet bhal meta irrilaxxja l-iStqarrija u fejn sostna li kien hassar minn mal-kwerelanti ghaliex kien raha ma' Montesin fuq il-karozza tal-linja. Huwa nnega li kien iltaqa' ma' Galea fis-16 t' Awwissu, 2013 jew li kien b' xi mod aggrediha u hebb ghaliha.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat tal-provi jirrizulta li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b' zewg verzjonijiet tal-fatti ghal kollox konfliggenti u cioe' dik moghtija minn Brenda Galea, li giet korroborata parzjalment minn Emanuel Montesin li ghalkemm ma rax l-incident per se isir kien akkompanja lil Brenda Galea fuq il-post bil-vettura tieghu u ra lil Galea bil-griehi ndikati fic-certifikat mediku immedjatament wara li sehh l-incident u akkompanjaha il-policlinic u l-isptar sabiex tinghata l-kura mehtiega.

Illi din il-Qorti kellha l-opportunita' li tara u tisma' kemm lill-imputat kif ukoll lil Brenda Galea jixhdu viva voce quddiemha u tinsab moralment konvinta li Brenda Galea qed tghid il-verita' u li l-verzjoni tal-fatti minnha moghtija ghandha titwemmen.  Il-komportament taghha fuq il-pedana tax-xhieda, it-ton tal-vuci u l-gesti taghha kollha ndikaw il-Qorti li hija kienet qed tirrakonta dak li effettivament gara. Ic-certifikat mediku u x-xhieda moghtija minn Dr Mark Aquilina jkomplu jikkoraboraw dak li qalet Galea.  Wiehed jinnota li hija kellha diversi griehi konsistenti fi grif fuq varji partijiet ta' gisimha kif ukoll ksur f' idejha u dawn il-griehi huma lkoll kompatibbli mad-dinamika tal-incident kif rakkontata minn Brenda Galea.

Illi din il-Qorti minn naha l-ohra setghet tikkonstata li kien hemm certu nkonsistenzi fil-verzjonijiet moghtija mill-imputat fejn a tempo vergine meta tkellem mal-Pulizija (vide okkorrenza a fol 12 sa 16 tal-atti processwali) stqarr li fl-14 t' Awwissu, 2013 kien ftiehem ma Brenda Galea quddiem il-Pulizija li huma kellhom jiltaqghu jumejn wara sabiex hija tghaddilu xi flus izda fejn imbaghad meta rrilaxxja l-istqarrija u meta xehed quddiem din il-Qorti huwa sostna li ma jiftakarx li kienu marru l-Pulizija d-dar tieghu u li

kien sar xi ftehim fis-sens li kellu jiltaqa' ma' Brenda Galea jumejn wara sabiex tghaddilu l-flus.

Illi dwar il-messagg mibghut minn Brenda Galea lill-imputat fis-27 t' Ottubru, 2013, u li d-Difiza ghamlet enfazi kbira fuqu, din il-Qorti tara l-verzjoni moghtija minn Galea lill-Pulizija u in kontro ezami dwar ir-raguni li ntbaghat dan il-messagg, del resto minn fuq il-mobile phone ta' Montesin, hija verosimili u kredibbli.

Illi din il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tal-imputat u konsegwentement huwa ser jinstab hati taghhom.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa kif ukoll il-gravita' tar-reati li taghhom qed jinstab hati u fic-cirkostanzi jidrilha li piena karcerarja sospiza u hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni jikkostitwixxu l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 215, 216 u 338(dd) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tnax (12) –il xahar prigunerija li b' applikazzjoni tal-Art. 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum.

B' applikazzjoni tal-Art. 412C l-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum fejn il-persuna protetta hija Brenda Galea u dan taht il-kundizzjonijiet ndikati fl-anness digriet.

**(ft) MAGISTRAT**

**-Vera Kopja ta' l-Original-**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**